# IL-MAQDES TAL-MULEJ

*Quam dilecta tabernacula tua, Domine.*
(Ps. 93, v. 1)

Daqs kemm il-bilbla tħobb il-bejta tagħha
taħt xifer il-blat, daqs kemm iċ-ċerva
tħobb il-għar tagħha qalb iz-zkuk imwerrqa
ħdejn il-għadira,

Daqs hekk Mulej inħobb il-Maqdes tiegħek!
Ħajti kollha fih għixt, nixrob u niekol
l-inbid u l-ħobż tal-ħajja, sew kif jieklu
l-Anġli fis-sema.

Tħabbejna, ja Mulej, w Inti xerridt fuqi
xita ta' grazzi, fosthom l-akbar waħda:
dliktni biż-żejt u ħtartni Qassis tiegħek
nidbaħ quddiemek.

Il-lum, Mulej, jagħalqu ħamsin sena
li ili ntenni d-debħa tal-Kalvarju
u noffri 'l Ibnek bħala rahan u fidwa
tal-bnedmin kollha.

Inti, Mulej, taqra fil-qalb tal-bniedem:
ara b'għajnejk għalhekk il-ħajja u l-hena
li għandi f'qalbi, għax ilsieni ċkejken
sabiex ifisser.

Illum iżda, Mulej, inħoss il-għejja
u nħossni tlift il-ħeġġa taż-żgħożija;
qalbi tixtieq is-serħ u s-sliem ta' dejjem
il-bogħ'd mid-dinja.

Daqs kemm il-bilbla trid li tmur il-bejta,
daqs kemm iċ-ċerva lejn il-għar tiġġerra
kif jaqa' l-lejl, daqshekk, Mulej, nixxennaq
il-Maqdes tiegħek.

Il-Maqdes li fil-għoli bnejt minn dejjem
għal min iħobbok; ħudni, Mulej, miegħek;
l-imħabba li tħabbejna tibqa' għal dejjem
tixgħel u taħraq.

A. Buttigieg

---

Din il-poeżija nkitbet għall-okkażjoni tal-Ġublew tad-deheb tal ħabib tagħna l-Kan. Teol. Dun Ġwann M. Farrugia tal-Birgu, Membru Akkademiku tal-"Għaqda" u kittieb tajjeb li x-xogħlijiet tiegħu dehru bosta drabi fuq din ir-Rivista.

Nhar il-Milied li għadda, fil-knisja ta' San Gejtanu l-Hamrun, fejn il-Kanonku Farrugia, kellu jingabar ħtija tal-Gwerra, bosta nies marru jisimgħu l-quddiesa solenni li Dun Ġann Mari qaddes f'egħluq il-ħamsin sena li kien ilu qassis u ferħulu u xtaqulu mitt sena għomor; hekk il-Membri tal-Għaqda kollha jissieħbu biex jixtequlu "*Ad Multos Annos*".